MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1195/1992/1

**Edwin Naudi**

**vs**

**Antoinette Naudi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Ottubru 1992 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fl-10 ta' Mejju 1969;

Illi l-kunsens ta' l-istess konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija serja li taghmilha mpossibbli ghall-imsemmija konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenuta kien simulat;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat mill-attur ma' l-imsemmija konvenuta fl-10 ta' Mejju 1969 huwa null u bla effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datati 22 ta' Jannar 1993 a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi mhux minnu li l-kunsens ta' l-eccipjenti ghaz-zwieg bejn il-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija serja li taghmilha mpossibbli ghall-eccipjenti illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

2. Illi mhux minnu li l-kunsens ta' l-eccipjenti ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-kunsens ta' l-eccipjenti ma kienx simultat;

Ghalhekk it-talbiet kollha ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 9 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tat-2 ta' Frar 1993 a fol. 11 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur datata 11 ta' Frar 1993 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 14);

Rat in-nota tal-konvenuta (a fol. 17) fejn permezz taghha rrizervat il-kontro-ezami tax-xhieda bl-affidavit ta' l-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 1993. Il-partijiet u d-difensuri qablu li bejn il-kontendenti hemm kawza ohra fl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 880/92 li kienet fuq il-lista ta' dakinhar u li l-provi kollha li jitressqu f'wahda jkunu applikabbli ghall-kawza l-ohra.

Rat in-nota ta' l-attur datata 6 ta' Mejju 1993 li permezz taghha esebixxa l-affidavits ta' Herbert Naudi (a fol. 20), ta' Anthony Naudi (a fol. 23), ta' Eileen Pullicino (a fol. 26) u ta' Tania Portelli (a fol. 27);

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 1993 fejn giet nominata Dr Rachael Spiteri Bonello bhala Perit Legali;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 18 ta' Mejju 1993 fejn permezz taghha rrizervat il-kontro-ezami tax-xhieda pprezentati permezz ta' l-affidavit, mill-attur fin-nota tieghu tas-6 ta' Mejju 1993;

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 20 ta' Mejju 1993 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna l-isfilz tax-xhieda pprezentata mill-attur fis-6 ta' Mejju 1993;

Rat id-digriet tal-21 ta' Mejju 1993 fejn il-Qorti laqghet it-talba limitatament ghall-affidavits ta' Anthony Naudi u Eileen Pullicino;
Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 1 ta' Lulju 1993 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna l-isfilz tax-xhieda moghtija mill-attur fil-11 ta' Frar 1993;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Lulju 1993 fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex jispjega ghaliex l-istess affidavit gie redatt bil-lingwa Ngliza;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta’ Ottubru 1993; ta’ l-1 ta’ Dicembru 1993; tas-16 ta’ Frar 1994; tas-26 ta’ April 1994; tat-12 ta’ Ottubru 1994; tat-30 ta’ Novembru 1994; tas-7 ta’ Marzu 1995; tas-17 ta’ Mejju 1995; ta’ l-1 ta’ Novembru 1995; tas-6 ta’ Frar 1996; tas-26 ta’ Marzu 1996; tas-17 ta’ April 1996 fejn il-kawza giet kancellata;

Rat ir-rikors tad-19 ta’ April 1996 fejn l-attur talab lill-Qorti sabiex tirriappunta l-kawza;

Rat id-digriet tal-25 ta’ April 1996 fejn il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba;

Rat il-verbal tad-29 ta’ Mejju 1996; tat-30 ta’ Ottubru 1996; ta’ l-10 ta’ Dicembru 1996; tas-27 ta’ Novembru 1996; tas-22 ta’ Jannar 1997; tal-5 ta’ Marzu 1997; tat-30 ta’ April 1997; tat-18 ta’ Gunju 1997; tal-15 ta’ Ottubru 1997; tad-19 ta’ Novembru 1997; ta’ l-4 ta’ Frar 1998; tat-22 ta’ April 1998; tat-30 ta’ April 1998; ta’ l-1 ta’ Lulju 1998; tal-21 ta’ Ottubru 1998; tal-15 ta’ Dicembru 1998; ta’ l-24 ta’ Marzu 1999; tal-5 ta’ Mejju 1999; tat-23 ta’ Gunju 1999; tat-3 ta’ Novembru 1999; tat-12 ta’ Jannar 2000; tat-18 ta’ Frar 2000; tat-30 ta’ Marzu 2000; ta’ l-10 ta’ Mejju 2000; tat-28 ta’ Gunju 2000; u tal-11 ta’ Ottubru 2000 kollha quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Rachel Bonello datati 10 ta’ Novembru 1993, 10 ta’ Jannar 1994, 14 ta’ Marzu 1995, 4 ta’ Lulju 1995, 11 ta’ Lulju 1995, 17 ta’ Lulju 1995, 25 ta’ Ottubru 1995, 4 ta’ Marzu 1996, 25 ta’ Marzu 1996, 15 ta’ April 1996, 13 ta’ Mejju 1996, 27 ta’ Dicembru 1996, 15 ta’ Dicembru 1997, 26 ta’ Jannar 1998 fejn ma’ sar xejn; tat-28 ta’ Jannar 1994, 8 ta’ Frar 1994 u 15 ta’ Jannar 1997 fejn xehed l-attur; 11 ta’ Jannar 1994u 31 ta’ Jannar 1995 fejn xehed Anthony Naudi; ta’ l-4 ta’ April 1995 fejn xehdet Tanya Portelli; 30 ta’ Mejju 1995

fejn xehed Herbert Naudi; tat-3 ta’ Ottubru 1995 fejn xehed Herbert Naudi in kontro-ezami; tas-17 ta’ Ottubru 1995, 4 ta’ Marzu 1997, 25 ta’ Marzu 1997 u 2 ta’ Frar 1998 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tat-8 ta’ Jannar 1996, 28 ta’ Gunju 2000 fejn xehdet il-konvenuta; tat-13 ta’ Marzu 1998 fejn l-konvenuta xehdet in kontro-ezami; u tat-8 ta’ Mejju 2000 fejn Dr, Stephen Thake ghall-attur iddikjara li ma ghandhux provi izjed.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Ottubru 2000;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 22 ta’ Novembru 2000 (a fol. 88);

Rat il-verbal tat-22 ta’ Novembru 2000; tas-17 ta’ Jannar 2001;

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-5 ta’ Frar 2001 fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jirrispondi ghad-domandi maghmula mill-konvenuta permezz ta’ affidavit responsiv minghajr ma jattendi ghas-seduta ffissata;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi *seduta stante* u ordnat li s-seduta peritali tigi sospiza;

Rat il-verbal tat-28 ta’ Marzu 2001; tal-11 ta’ Mejju 2001; tat-13 ta’ Gunju 2001; tal-11 ta’ Lulju 2001; tal-5 ta’ Ottubru 2001; u tal-31 ta’ Ottubru 2001 kollha quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota ta’ l-attur tat-8 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu in kontro-ezami ghad-domandi li saru mill-konvenuta;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Novembru 2001; tat-13 ta’ Frar 2002; ta’ l-24 ta’ April 2002; tat-28 ta’ Gunju 2002; tas-16 ta’ Ottubru 2002; tat-22 ta’ Ottubru 2002; tat-28 ta’ Novembru 2002; tal-5 ta’ Dicembru 2002; u tat-23 ta’ Jannar 2003;

Rat l-avviz datat 17 ta’ Marzu 2003 (a fol. 127) fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta a bazi ta’ l-ordni moghtija fit-termini ta’ l-**artikolu 11 tal-Kap 12.**

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti tas-26 ta’ Marzu 2003; ta’ l-20 ta’ Mejju 2003; ta’ l-24 ta’ Gunju 2003; tas-6 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ Dr Rachel Bonello; ta’ l-14 ta’ Jannar 2004 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli sabiex tinzamm l-ahhar seduta ghall-provi kollha li fadal; tat-3 ta’ Marzu 2004; tat-13 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti ddikjarat l-provi maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2005 bil-fakolta’ lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ oservazzjonijiet b’terminu ta’ erbghin (40) jum kull wiehed, tibda’ l-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 880/92/RCP in kwantu relevanti ghal din il-kawza skond id-digirieti moghtija f’din il-kawza minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (a) Mertu tal-kawza odjerna.

Illi l-attur jissottometti li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null a bazi ta’ l-**artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kap. 255**.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tichad li l-kunsens taghha kien vizzjat kif qed isostni l-attur. B’hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

### (b) Provi Prodotti.

Illi **Edwin Naudi** xehed li l-gherusija tieghu ma’ martu kienet wahda pjuttost normali hlief li hi kienet iggeghlu

jhossu hazin jekk hija kienet tigrilha xi haga hazina. Huwa sostna li dejjem gab ruhu maghha b'mod civili u qatt ma refa' jdejh fuqha lanqas meta pprovokatu. M'hiex fin-natura tieghu li jkun aggressiv.

Illi huwa qal li fil-*honeymoon* hija kienet depressa hafna ghax qaltlu li kienet *homesick.* Fir-rigward tal-hajja ntima taghhom hija ma haditx pjacir bl-avvanzi sesswali tieghu waqt il-*honeymoon* u qaltlu li kienet tippreferi tistenna sakemm jaslu lura Malta. Is-sitwazzjoni pero' ma marritx ghall-ahjar anzi ghall-aghar. Hija kienet dejjem iggiblu hafna skuzi.

Illi bhala mara tad-dar ma kienitx ahjar. Ma kienitx issajjarlu. Il-ftit drabi li kiel sew kien meta gabet ikel imsajjar lest minghand ommha. Hafna drabi kienu jieklu barra jew kien jiekol xi pastizzi. Kien isibha ta' spiss jew rieqda jew ghand ommha.

Illi wara z-zwieg sar jaf li kienet qed tmur ghand il-Psikjatra Dr Pisani u Dr Schembri Wismayer u ma kienitx infurmatu. *Inoltre* hi ppruvat tahbilu li kienet ilha tiehu kalmanti. Kien jaf li hi kienet tmur ghand Dr Abraham Galea.

Illi huwa cahad li ma kienx itiha flus. Skond huwa kien jaghtiha tajjeb ghas-salarju li kellu u huwa kien ihallas il-kontijiet. Ftit mill-flus kienu jintefqu ghall-ikel minnha. Huwa ddeskriva z-zwieg tieghu b'dan il-mod *"It was an unhappy marriage, a miserable home life. Her negative attitude towards sex, towards cooking and keeping house for me, were hardly the basis for a good marriage."*

Illi huwa kompla li meta telqet mid-dar kien minghajr pre-avviz. Mar id-dar u wara x-xoghol sab kullimkien vojt hwejgu u saqqu ma' l-art. Kienet hadet kollox.

Illi meta xehed *viva voce* quddiem il-Perit Legali xehed li matul l-gherusija ma kellux x'jikkritika. Kien hemm gibda lejn xulxin. Indhil zejjed mill-familji ma kienx hemm. Huwa rega' ddikjara li martu kienet pjuttost bierda u l-hajja ntima taghhom baqghet tmur ghall-aghar. Dan anke jekk

problemi ta' adulterju qatt ma tfaccaw matul iz-zwieg. Huwa ma jistax jghid li kienet mara tad-dar ghax kienet tohrog spiss tmur ghand ommha u tittraskura d-dar. Dwar hasil ta' hwejjeg u tindif kienet normali.

Illi dwar tfal is-suggett qatt ma gie diskuss minnhom. Hija qatt ma harget tqila u huma qatt ma kkonsultaw tobba dwar dan il-punt.

Illi meta rcieva l-ewwel darba ittra minn martu permezz ta' l-avukat taghhom kien xi sentejn jew tlieta wara z-zwieg. Sar inkontru bejniethom fil-prezenza ta' l-avukati. L-ilmenti ta' martu kienu li ma kienx qed jaghtiha bizzejjed flus. Qabel ma rceviet l-ittra kienet haditlu c-cwievet tad-dar u waqt il-laqgha qablu li jzidha fil-flus u li jiehu c-cavetta lura. Xi hames snin ircieva ittra ohra bl-istess ilment.

Illi in kontro-ezami qal li qabel iz-zwieg ma kellhomx relazzjonijiet sesswali shah minhabba r-religjon. Huma nfirdu xi darbtejn qabel ma nfirdu definittivament. Ix-xhud sostna li ghalih iz-zwieg kien ifisser li jghixu flimkien u jkollhom it-tfal. Kien jaf li z-zwieg huwa sagrament u fil-ligi Maltija hu ndissolubbli.

Illi huwa xehed li minn mindu nfired minn ma' martu hareg jiekol ma' certu Wanda u dam hames xhur johrog maghha regolarment. Kienu biss hbieb. Qatt ma siefer maghha. Huwa ma qabilx li qabel ma kien johrog ma' martu hareg ma' din it-terza persuna bhala *steady.*

Illi xehdu hut l-attur **Herbert Naudi u Tania Portelli**. Bejn wiehed u iehor huma xehdu l-istess affarijiet. Iddeskrivew lil huhom bhala bniedem kwiet u mill-ahjar kif ukoll mhux xhih fejn jidhlu l-flus. *Inoltre* li huwa bniedem li mhux ta' natura aggressiva. Wara z-zwieg huma raw bidla fih. Dwar ir-relazzjoni ta' huhom ma' Antoinette Naudi jirrizulta li xehdu a bazi ta' dak li qalilhom huhom u mhux ghax fil-maggor parti tad-drabi kienu prezenti.

Illi **Antoinette Naudi** lmentat diversi drabi li zewgha ma' kienx itiha flus f'idejha u dan sa mill-*honeymoon*. Meta

gew lura mill-*honeymoon* huwa beda` johrog wahdu u gieli kien jaghmel granet u ljieli barra. Hija qalet li ghal zewgha l-flus eghziez wisq ghalih. Meta kienet titolbu ghax ikunu spiccawlha huwa kien jerfa' jdejh fuqha. Sahansitra hwejjigha kienet tiddubbhom. Hija gieli kellha anke tohrog tahdem.

Illi x-xhud sostniet li zewgha kien jaghmel minn kollox biex idejjaqha u jgieghla titlaq mid-dar. Hija tichad li ma kienitx issajjarlu. Meta kien jaghtiha l-flus biex tixtri l-ikel kienet issajjarlu. Meta kien jaghtiha l-flus biex tixtri l-ikel hija kienet issajjarlu. Meta ma kienx jaghtiha l-flus ma kienx ikollha biex tixtri u b'hekk ma kienitx issajjar. Fid-dar il-kumditajiet kienu kollha neqsin. Fl-ahhar, wara xeba` li taha, kienet kostretta titlaq u hadet hwejjigha fuq parir ta' l-avukat taghha.

Illi hija dejjem raqdet ma' zewgha hlief wara xi xeba`. Fl-ahhar zminijiet qabel ma sseparaw marret torqod f'sodda ohra ghax bdiet tibza' minnu. Hja marret ghand Dr Abraham Galea minhabba d-dwejjaq li kienet thoss u hu qalilha li ma kellhiex mard.

Ill f'affidavit ulterjuri hija kkonfermat li zewgha kien aggressiv hafna maghha. Hija qalet li waqt il-*honeymoon* sar dak li kellu jsir bejn koppja normali. Id-dar dejjem zammitha nadifa. Hija kienet tidhol sal-Belt ma' ohtha bil-kunsens ta' zewgha ghax la televizjoni ma kellhom u lanqas kellha biex tixtri ktieb.

Illi hija cahdet li hbiet minn zewgha. Hi ma kienitx fuq kalmanti. Hija qalet li meta telqet kull ma hadet kienu hwejjigha. Xehdet ukoll li meta zewgha ghamel zmien ma jghix id-dar beda` jipprova jirrangahom Mons. Philip Calleja.

Illi in kontro-ezami xehdet li meta kienet tkun imdejqa hafna ghax ma kienx itiha flus biex tixtri l-affarijiet ghad-dar kienet tmur ghand il-Psikjatra Abraham Galea li ma kien itiha xejn. Hija kienet imdejqa ghax kienet tibza' minnu ghax meta kienet titolbu l-flus kien isawwatha. Qabel is-separazzjoni marret ghand Dr Schembri

Wismayer u mbaghad marret ghand Dottor Pisani xi darbtejn wara li sseparaw. Wara li telqet ir-ragel id-dwejjaq kien ghaddielha kif ukoll il-biza'. Qabel iz-zwieg qatt ma marret ghand tobba.

Illi qabel iz-zwieg huma ma kellhomx *full sexual intercourse* minhabba t-twemmin taghhom. Matul il-*honeymoon* kellhom *full sexual intercourse* u l-frekwenza tar-rapporti sesswali kienu frekwentissimi anke waqt il-hajja mizzewga. Ghall-bidu kienet tiehu l-*pill* u mbaghad ma baqghetx. Hija kienet qaltlu biex imorru ghand it-tabib biex jaraw ghalfejn ma kellhomx tfal u hu qalilha li jekk ikollu t-tfal ikollu hafna nkwiet.

Illi hija qalet li kien hemm ftit drabi fejn irrifjutat l-avvanzi sesswali ta' zewgha u dan ghax ikun ghamlilha xenata u jkun refa' jdejh fuqha. Hija qatt ma ddiskutiet ma' hadd il-hajja sesswali taghhom. L-insistenza ta' zewgha fis-sess ma kienx fattur ghat-tkissir taz-zwieg. Ghalkemm hija qalet ukoll li dejjem kien jghajjarha u jsawwatha anke waqt l-att sesswali hu kien jigdimha u joqrosha. Hi qalet li kien *a mummy's boy* u kien jammettiha u qabel ma kien jaghmel xi haga dejjem kien isaqsi l-permess. Xehdet ukoll li kienet tarah fil-kumpanija ta' nisa fosthom certa wahda Wanda.

Illi **Noel Muscat,** hu l-attrici, xehed li wara z-zwieg ohtu ma baqghetx l-istess bhal qabel. Hi kienet tkun ta' spiss wahedha u bla flus. Meta zewgha kien jitlaq u ma jmurx ghal tul ta' zmien ma kienx jibghatilha flus. Ix-xhud gieli sellifha xi flus u l-irgenituri taghhom kienu jaghtuha affarijiet ta' l-ikel ghax ma kienx ikollha biex tixtri. Ohtu kienet turih pitazz fejn kienet izzomm kont, gurnata b'gurnata, ta' x'kellha flus u kemm kienet tonfoq.

Illi **Marie Therese Torbini,** oht l-attrici, kkonfermat dak li xehed huha, Noel Muscat. Hija wkoll kienet tghinha billi taghtiha hwejjeg x'tilbes.

**<u>(c) Principji Legali.</u>**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255** jipprovdi li:-

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' **Viladrich**:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an*

*expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena" (**Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu ***(d)*** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew*

*kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"****, P.A., 10 ta' Novembru 1995*).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (****"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la*

*discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" (**Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni*

*volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F., "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-

psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid **Bersini**, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inoltre l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama**

**Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002); **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002); **“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002); u **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi l-attur jibbaza wkoll l-azzjoni tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

***art. 19 (1) (f)*** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

**<u>(d) Apprezzament tal-Provi.</u>**

Illi hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li mill-provi prodotti ma’ jirrizultax li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u li z-zwieg jigi dikjarat null. Fil-fatt jirrizulta li l-gherusija tal-

kontendenti kienet wahda pjuttost normali. Wara li zzewgu jidher li dawn it-tnejn minn nies ma rnexxielhomx isibu dak il-bilanc bejniethom li seta' jwassalhom ghall-hajja konjugali b'tali mod li z-zwieg jirnexxi, pero' dan bl-ebda mod ma jaghti lok ghall-annulament taz-zwieg, izda biss ghall-azzjoni ta' separazzjoni bejn il-koppja; fil-fatt jinghad li ghalkemm il-partijiet kienu talba li din il-kawza ta' annulament u ta' separazzjoni jimxu flimkien, dan certament ma kellux ikun l-kaz ghaliex l-principji li jirregolaw l-annullament taz-zwieg u s-separazzjoni huma ben distinti u kontrastanti ghal xulxin; ukoll l-provi mehtiega f'kawza u mhux f'ohra, b'dan li ragunijiet li jwasslu ghal separazzjoni certament ma' jwasslux ghall-annullament taz-zwieg.

Illi intant jirrizulta li l-attur ilmenta fuq l-allegazzjoni li martu ma kienitx mara tad-dar daqshekk tajba ghax ma kienitx issajjarlu u dejjem tohrog tmur ghand ommha. L-aktar fattur pero' li ghamel enfasi fuqu l-attur kien li ghalkemm il-kopjja kien ikollha relazzjonijiet intimi pero' martu, skond l-attur, dejjem, kienet pjuttost bierda u huwa jsostni li hafna drabi kienet iggiblu hafna skuzi sabiex tevita li jkollha x'taqsam mieghu. Sostna wkoll li hija dejjem kienet titolbu aktar flus. Allega wkoll li martu kienet fuq il-kalmanti u qatt ma kienet qaltlu u li kienet tahbilu l-appuntamenti li kienet tiffissa mal-Psikjatri.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tichad li ma kienitx issajjarlu u ssostni li dejjem zammet id-dar nadifa. Hija lmentat mill-fatt li zewgha ma kienx jaghtiha bizzejjed flus u ghalhekk kienu neqsin mill-kumditajiet. Meta mbaghad kienet titolbu l-flus huwa kien allegatment jerfa' jdejh fuqha. Sostniet li hija u zewgha dejjem kellhom relazzjonijiet sesswali u dan b'mod frekwenti u hija kienet tirrifjuta l-avvanzi tieghu biss wara xi xenata jew li jkun refa' jdejh fuqha. Ghalkemm huwa minnu li fittxet li tmur ghand Psikjatri dan ghamlitu ghax kienet mdejqa fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom fiz-zwieg pero' dejjem qalulha li ma kellha xejn.

Illi a bazi ta' dawn il-provi kif jirrizultaw mill-atti processwali li ilhom ghaddejjin is-snin, hija l-opinjoni ferma ta' din il-

Qorti li assultament ma hemm xejn li seta' jwassal ghall-konkluzjoni li l-kunsens moghti mill-konvenuta kien b'xi mod vizzjat taht l-artikoli msemmija mill-attur.  L-attrici jidher li kellha maturita' bizzejjed biex tizzewweg u biex taqdi d-dmirijiet taghha ta' mara mizzewga.  Huwa zgur li l-aspettattivi tal-partijiet li kellhom fil-konfront ta' xulxin ma gewx sodisfatti pero' dan ma jaghtix lok ghal annullament.

Illi l-attur ma rnexxielux lanqas jipprova li l-konvenuta b'xi mod issimulat il-kunsens taghha.  *Inoltre* jinghad ukoll li ghalkemm allega li hbiet minnu li kienet taht kura psikjatrika, *nonostante* li l-istess konvenuta fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 1995 iddikjarat quddiem il-Perit Legali li ma kellha ebda diffikulta' li l-attur igib bhala xhieda tobba u konsulenti medici taghha u li kienet pronta li taghti l-kunsens taghha illi jingiebu bhala xhieda u lliberathom minn dakinhar mis-sigriet professjonali huwa baqa' ma pproducihomx bhala xhieda.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta
**tichad t-talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li l-partijiet ressqu l-provi taghhom u kif il-partijiet rregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke jirrizulta mis-seduti mizmuma quddiem dak li kienet il-Perit Legali, li nzammu diversi seduti izda provi ma tressqux mill-partijiet, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg

partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esagerata taghhom, u fil-fatt din il-kawza qed tinqata' biss illum wara kwazi tlettax-il sena u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** tordna lilll-attur ihallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------